# 140 Sena
# Soċ. Muż. Sta. Katarina V.M. Żurrieq

**1864** - Twaqqif tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Vinċenz Schembri u taħt id-direzzjoni tas-Surmast Luigi Carabott.



INSERZIONE COMUNICATA

Dobbiamo accennare con molto piacere, che in alcuni nostri villaggi si stanno formando alcune società di giovani, che vanno istruendosi nell' arte musicale, a vantaggio del paese. Noi menzioniamo per ora quella di Casal Zurico, la quale è formata di 24 giovani, alcuni dei quali ecclesiastici, i quali sotto la direzione del loro bravo maestro. sig. Luigi Carabott, in meno di due anni, hanno fatto un profitto straordinario e sorprendente. Ci basti il dire, che nella scorsa festività di Santa Caterina, nella Chiesa principale del Zurrico, hanno eseguito a musica ne' giorni del triduo la Sinfonia, l' inno e l' antifona della Santa, ed il *Tantum Ergo*; e nello scorso Venerdì Santo hanno egregiamente eseguito il *Miserere* e i Responsorii, scritti loro appositamente per questa circostanza, e ciò indipendentemente da altri pezzi, che eseguiscono a meraviglia. È incredibile a dirsi, che questi giovani non avessero verun principio di musica, e che in questo breve tempo siano giunti a tale grado. Alcuni di loro poi sono gente di lavoro, non letterata; e quindi hanno un doppio merito. Ci piace però di rilevare, che questi giovani non si sono applicati ad eseguire solamente pezzi profani, a discapito della parte sacra: anzi tutto al contrario si sono dedicati principalmente al sacro, e ciò colma loro di grande onore; dappoichè quando simili società sono basate sui principii religiosi, esse tornano utilissime alla Chiesa e al paese. Noi pertanto gl' incoraggiamo a proseguire oltre nella carriera intrapresa, e la loro opera sarà coronata, non è dubbio, di felice sucesso. Nello stesso mentre ci congratuliamo col benemerito parroco del villaggio, il M. R. D. Vincenzo Schembri, il quale ha avuto il bene di vedere inaugurata sotto i suoi auspici questa società, da lui molto incoraggiata.

A. Ferres

**1866** - Mill-Orkestra mwaqqfa fl-1864, twaqqfet il-banda bl-isem "La Filarmonica Del Zurrico" liema banda kienet tieħu sehem fil-festa ta' Santa Katarina taħt it-tmexxija tas-Surmast Francesco Zammit.



**1883** - "La Filarmonica Del Zurrico" inqasmet fi tnejn fejn waħda mill-baned iffurmati "La Filarmonica Mannarino" taħt it-tmexxija ta' Mro. Ignazio Catania kienet tieħu sehem fil-festa ta' Santa Katarina.

**1893** - Iż-żewġ baned reġgħu ngħaqdu fi tnejn taħt l-isem "La Concordia" taħt is-Surmast Carmelo Zammit.

**1899** - Is-Sede tal-Każin tal-Banda kien f'numru 123, Triq Irjali taħt l-isem "Circolo Santa Caterina".

**1900** - Il-Kumitat taċ-"Circolo Santa Caterina" iddelega lis-Surmast Nikola Montebello biex iwaqqaf l-Orkestra Santa Katarina.

**1906** - Membri mill-Każin ta' l-Orkestra ffurmaw il-Banda Santa Katarina taħt is-Surmast Francesco Zammit u s-sede kienet f'numru 86, Triq San Mikiel.

**1910** - Il-Banda Santa Katarina żżanżan l-uniformi l-ġdida.



**1912** - Is-Sede tal-Każin mexa għal numru 20, Piazza Maggiore illum "Palazz Alexandria".

**1920** - Minħabba l-emigrazzjoni l-Banda Santa Katarina ġiet mibdula f'Orkestra taħt l-isem "Orkestra Santa Katarina" bit-tmexxija tas-Surmast Ferdinandu Falzon. F'Settembru ta' dik is-sena l-Orkestra ħadet sehem fil-pjazza ta' Ħal Safi fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-qniepen.

**1923** - Il-Kumpanija Teatrali "La Pace" bdiet ittella' s-serati tagħha fil-Każin tas-Soċjetà u nafu li bejn l-1923 u l-1944, waqt l-intervalli ta' dawn is-serati kienet tieħu sehem l-"Orkestra Santa Katarina".

**1924** - L-Orkestra Santa Katarina ħadet sehem fiċ-ċerimonja tal-pussess ta' l-Arċipriet Giovanni Battista Ghigo.

**1930** - Mill-Minuti tas-Soċjetà u mill-programmi tal-Kumpanija "Rossini" nafu li l-Orkestra kienet ukoll iddoqq taħt forma ta' Jazz Band.

**1940** - L-Orkestra Santa Katarina kienet iddoqq fil-mutett tat-Tridu u fil-matutin tal-festa ta' Santa Katarina u baqgħet tieħu sehem sas-sena 1943.

**1944** - L-Orkestra għaddiet taħt it-tmexxija tas-Surmast Espedito Deguara.

# 140 Sena
# Soċ. Muż. Sta. Katarina V.M. Żurrieq

**1946** - L-Orkestra Santa Katarina reġgħet ġiet mibdula f'Banda taħt l-isem "Banda Santa Katarina V.M."



**1954** - Il-Banda Santa Katarina V.M. iddoqq f'Noto, Sqallija.

**1955** - Il-Banda Santa Katarina V.M. iddoqq f'Acireale, Sqallija.



**1956** - Jiżżanżan il-Planċier Artistiku tal-Banda Santa Katarina V.M.

**1959** - Il-Banda Santa Katarina V.M. iddoqq f'Catania, Sqallija.

**1980** - Titwaqqaf l-Ewwel Sezzjoni Nisa fiż-Żurrieq fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.

**1986** - Il-Banda tgħaddi taħt is-Surmast Francis Falzon. Fl-istess sena ġiet inawgurata is-"St.Catherine Fireworks Factory".



**1992** - Titwaqqaf l-Ewwel Sezzjoni Żgħażagħ fiż-Żurrieq fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.

**1997** - Il-Banda Santa Katarina V.M. iddoqq f'Bari, l-Italja.

**2002** - Delegazzjoni tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. f'udjenza mal-Qdusija tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan.



**2004** - Il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel ġemellaġġ mużikali ma' "La Filarmonica Pietro Mascagni" ta' Comporgiano, provinċja ta' Lucca, l-Italja.

**2004** - Inawgurat l-Arkivju tal-Banda Santa Katarina V.M. f'Palazz Alexandria u sar it-tberik tax-xogħol li sar fil-Każin.

**Fis-Snin li ġejjin**

**2005** - Festi Kbar fl-1700 Sena mill-Martirju tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M.